# ID-DAWL

SETTEMBRU 2018 NUMRU 9

## “Alla għamel il-ħajja, il-proprjetà u l-unur ta’ kull persuna sagri.”




It-Terroriżmu | Il-Qdusija tal-Ħajja | Il-Vjolenza | Il-Kunċett tal-Ġiħad

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# KONTRA L-VJOLENZA

Kull sena, meta jiġi x-xahar ta' Settembru, kulħadd jiftakar dwar it-traġedija kbira li seħħet kontra l-umanità fl-Istati Uniti fil-11 ta' Settembru tal-2001. Wara dawn is-snin twal, il-memorja għadha friska dwar dawk l-atti barbari fejn mietu eluf ta' nies u ndarbu eluf oħra waqt li l-familji għadhom iġarrbu l-uġigħ ta' dawn il-ġrajjiet xokkanti.

Naħseb din l-attitudni ta' vjolenza hija velenuża għas-soċjetajiet tagħna, u fuq kollox għall-paċi, it-trankwillità u s-serenità tad-dinja kollha. Għalhekk, huwa ferm importanti li nikkundannaw u nevitaw il-vjolenza f'kull livell u b'kwalunkwe mezz possibbli.

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana dejjem tikkundanna b'mod kategoriku l-attakki terroristiċi minn kwalunkwe persuni u għal kwalunkwe raġuni. Il-Komunità Ahmadiyya hija kontra kull forma ta' vjolenza, estremiżmu, tixrid ta' demm u terroriżmu li fid-dinja tal-lum sar fost l-ikbar theddid għax hu mingħajr fruntieri u ma jħalliha lil ħadd inkluż lil tfal, nisa u anzjani.

Wasal iż-żmien li d-dinja kollha tingħaqad flimkien, irrispettivament mill-fidi, mill-kulur, mit-twemmin jew min-nazzjonalità, kontra kull forma ta' vjolenza, b'miżuri konkreti, b'għerf u bi sforz kollettiv sabiex tintrebaħ din il-ġlieda kontra l-umanità.


**ID-DAWL**

Settembru 2018 – Numru 9 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: Aku Alip | Shutterstock


(i) Saħiħ Al-Bukhari Kitaab Farzil-Khumus, Tradizzjoni 3148 (ii) Ax-xifa ta' Kaażi Ajjaaż, parti 1, p.74 (iii) Qtil fl-Isem ta' Alla, p.116-120

# TOLLERANZA U PAĊENZJA

Ħażrat Jubair bin Mut'am[ra] jirrakkonta li darba kien mal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u xi nies oħra kienu miegħu wkoll. Il-Profeta kien ġej lura mill-Ħunajn. Il-Bedwini ċċirkondaw 'il-Profeta u tant bdew jitolbuh b'persistenza li kellu jirtira lejn siġra mxewka, u l-mantar tiegħu nqabadlu max-xewk. Il-Qaddis Profeta[sa] waqaf u qal:

> **"Tuni lura l-mantar. Li kieku kelli iġmla daqskemm hawn siġar selvaġġ kont nagħtihomlkom u b'hekk ma kontux issibuni xħiħ, falz jew beżżiegħ."[(i)]**

Fi tradizzjoni oħra, Ħażrat Anas[ra] jgħid:

> "Darba kont fil-kumpanija tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li kien liebes mantar bi trufu ħoxnin. Bedwin ġibidlu l-mantar b'tant saħħa li t-trufijiet ħallew marka madwar għonqu. Imbagħad qal, 'O Muħammad! Mill-ġid li Alla s-Setgħani tak għabbi ftit minnu fuq dawn iż-żewġt iġmla minn tiegħi, għax la se tkun qed tagħti mill-ġid tiegħek u lanqas mill-ġid ta' missierek.' Għall-bidu l-Qaddis Profeta[sa] baqa' sieket. Imbagħad qal, 'Il-ġid hu ta' Alla u jien il-qaddej ta' Alla.' Imbagħad il-Profeta qal, 'Vendetta se tinsilet għat-tbatija li kkawżajtli.' Dak il-Bedwin qal, 'Le'. Il-Profeta qal, 'Għaliex m'għandhiex tittieħed vendetta?' Il-Bedwin wieġeb, 'Għax m'għandikx twieġeb għall-ħażen b'ħażen ieħor.' Il-Qaddis Profeta tbissem. Imbagħad ordna li x-xgħir jiġi mgħobbi fuq wieħed mill-iġmla tal-Bedwin u t-tamal fuq l-ieħor."[(ii)]

Dan huwa l-ogħla grad ta' tolleranza u paċenzja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Dan ma wriehx biss mas-segwaċi tiegħu, iżda wkoll mal-għedewwa. Il-livelli morali għolja tiegħu jinkludu l-munifiċenza, il-kompassjoni, il-paċenzja, is-sabar, kif ukoll turija ta' tolleranza kbira.

---

sa *sallallahu alaihi wa sallam* tfisser 'is-sliem għalih'

# IT-TERRORIŻMU

Fost l-akbar sfidi li qed naffaċċjaw illum insibu l-estremiżmu u t-terroriżmu, li jinsabu madwar id-dinja kollha u jidhru f'forom varji. Meta niddiskutu s-suġġett tat-terroriżmu jew l-estremiżmu, insibu nies li jaħsbu li r-reliġjon minnha nnifisha tikkawża l-vjolenza u l-aggressjoni. Jien nemmen li r-reliġjon qatt ma tippermetti vjolenza u dejjem topponiha f'kull ċirkostanza.

L-Iżlam ukoll jopponi t-terroriżmu f'kull forma għaliex il-kelma 'Iżlam' tfisser litteralment 'paċi u sliem'. Id-dmir ta' kull Musulman li jżomm il-paċi għandu tant għeruq fil-fond fl-Iżlam li l-Koran Imqaddes jiddeskrivi l-Musulmani tassew hekk:

> **"Il-qaddejja ta' Alla tal-Ħniena huma dawk li jimxu fl-art b'mod dinjituż, u meta l-injuranti jindirizzawhom, huma jgħidu 'paċi'."** (25:64)

Ir-raba' Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], jispjega l-mod kif l-Iżlam iħares lejn it-terroriżmu bl-iktar mod ċar. Hu qal:



"L-Iżlam kategorikament jiċħad u jikkundanna kull forma ta' terroriżmu. Ma tipproteġix u ma tiġġustifikax kwalunkwe att vjolenti, kemm jekk isir minn xi individwu kif ukoll minn xi grupp jew gvern... L-Iżlam huwa t-twemmin u r-reliġjon tiegħi; u l-Iżlam ma jippermetti l-ebda forma ta' diżordni. Għaldaqstant huwa impossibbli li l-Iżlam jgħallem it-terroriżmu...

Jien nikkundanna bil-qawwa kollha kull att u kull forma ta' terroriżmu għaliex hu t-twemmin tiegħi profond li mhux biss l-Iżlam iżda wkoll l-ebda reliġjon vera, hu x'inhu l-isem tagħha, ma tista' tapprova l-vjolenza u t-tixrid tad-demm ta' rġiel, nisa u tfal innoċenti f'Isem Alla.

**Alla huwa mħabba, Alla huwa sliem!**
**L-Imħabba qatt ma tnissel il-mibegħda**
**u l-paċi qatt ma twassal għall-gwerra!"**[iii]

## IL-QDUSIJA TAL-ĦAJJA UMANA

Fl-aħħar diskors, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] enfasizza l-qdusija tal-ħajja umana, u quddiem eluf kbar ta' nies qal:

**"Alla għamel il-ħajja, il-proprjetà u l-unur ta' kull persuna sagri. Li wieħed jieħu l-ħajja jew il-proprjetà ta' xi ħadd jew jattakka l-unur tiegħu huwa inġust u ħażin daqs li wieħed jattakka l-qdusija ta' dan il-jum, dan ix-xahar, dan it-territorju. Dak li qed nikkmandakom illum ma jgħoddx biss għal-lum. Jgħodd għal dejjem. Intom mistennija li tiftakruha din u li tobduha sakemm tħallu din id-dinja u tmorru fl-oħra biex tiltaqgħu mal-Ħallieq tagħkom."**

(Indirizz Aħħari tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
f'Mekka f'jum il-Pellegrinaġġ għall-Musulmani)

# IL-KUNĊETT TAL-ĠIĦAD

"Il-kritiċi jargumentaw b'mod inġust li jekk il-Ġiħad mhuwiex permissibbli llum il-ġurnata, mela għaliex kien aċċettat fl-ewwel jiem tal-Iżlam? Dawn in-nies donnhom mhumiex konxji li l-Iżlam ma jaċċetta taħt l-ebda ċirkostanza l-użu tal-forza għat-tixrid tal-fidi. Il-Koran Imqaddes jiddikjara kategorikament:

**M'hemm l-ebda sfurzar fir-reliġjon!** [2:257]

Ix-xabla ntużat [mill-ewwel Musulmani] għaliex il-barbari tal-Arabja, li kienu tilfu kull sens ta' moralità u l-valuri umani, kienu saru l-għedewwa maħlufa tal-Iżlam. Meta l-Unità ta' Alla u l-verità tal-Iżlam intwerew lilhom bis-saħħa ta' argumenti sodi u ċari, u meta ġie ttimbrat ġo moħħhom li l-idolatrija hija ħażina u li tmur kontra d-dinjità tal-bniedem, ma kinux kapaċi jopponu dawn l-argumenti. L-aktar raġonevoli fosthom, għalhekk, xaqilbu favur l-Iżlam bir-riżultat li l-aħwa nfirdu mill-aħwa u l-ulied infirdu minn mal-ġenituri.

Hawnhekk l-idolaturi ma kellhomx għażla ħlief li jikkastigaw bl-aħrax lil dawk li saru Musulmani biex b'hekk iħarsu r-reliġjon falza tagħhom u jbiegħdu lin-nies mill-Iżlam. Dawn il-ħruxijiet twettqu mill-mexxejja ta' Mekka, fosthom Abu Jahl.

Dawk li huma midħla tal-istorja bikrija tal-Iżlam jafu bla dubju ta' xejn dwar il-krudeltà u l-ħruxija li twettqu mill-avversarji f'Mekka, u bl-għadd ta' persuni innoċenti li nqatlu b'riżultat ta' dan. Imma dan xorta ma skoraġġiex lin-nies milli jħaddnu l-Iżlam. Anki dawk li ma kinux daqshekk intelliġenti setgħu jaraw li t-tagħlim tiegħu kien aktar razzjonali u konvinċenti minn dak ta' dawk li kienu jqimu l-idoli.

**Meta l-avversarji ntebħu li l-isforzi kollha tagħhom ma kienu qed iwasslu mkien, iddeċidew li l-unika soluzzjoni li kien baqa' kienet li joqtlu lill-Qaddis Profeta[sa], iżda Alla ħelsu minn taħt idejhom u ħadu Medina mingħajr periklu. In-nies ta' Mekka, madanakollu,**

**baqgħu jikkumplottaw kontrih u żiedu l-isforzi tagħhom biex jassassinawh anki f'Medina.**

**Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-Musulmani kellhom jiddefendu lilhom infushom u jpattuha lil dawk li kienu jattakkawhom inġustament. Il-gwerer Iżlamiċi ma ġewx missielta biex tinxtered il-fidi, iżda biex jiġu protetti l-ħajjiet tal-Musulmani.**

Jista' jkun hemm persuna f'sensiha li temmen li l-Iżlam ma kienx kapaċi jsostni l-Uniċità ta' Alla quddiem dawk li kienu jqimu l-idoli – li kienu jaduraw idoli tal-ġebel u affarijiet bla ħajja oħra u li kienu medhija b'kull tip ta' vizzju – u għalhekk kellu jaqbad ix-xabla għal din ir-raġuni? Allaħares! Dawn l-allegazzjonijiet huma bla bażi u dawk li jagħmluhom ikunu qed iwettqu inġustizzja serja kontra l-Iżlam għaliex ikunu qed jaħbu l-verità...

Alla ppermetta biss lill-Musulmani biex jiġġieldu meta Huwa ra li l-infidili kien ħaqqhom il-mewt minħabba l-atroċitajiet tagħhom. Iżda Huwa għamel ukoll provvediment biex kull min iħaddan l-Iżlam ikun salvat. Għandu mnejn kien dan li wassal lill-kritiċi biex jaslu għal konklużjonijiet żbaljati. Huma donnhom ma jistgħux jifhmu li dan il-provvediment ma kienx ibbażat fuq l-isfurzar iżda fuq l-għoti tal-maħfra lil dawk li kien ħaqqhom imutu. Li tgħid li dan it-tagħlim huwa manipulattiv huwa l-qofol tal-assurdità. **Huma kien ħaqqhom il-kastig, mhux għaliex ma kinux Musulmani, iżda għaliex kienu qattiela.** U billi Alla kien jaf li huma kienu fehmu perfettament is-sewwa tal-Iżlam, għaldaqstant, bis-saħħa tal-ħniena Tiegħu, Huwa tahom iċ-ċans biex ipattu għal dnubiethom. Dan jixhed aktar li l-Iżlam ma kien jisforza lil ħadd, anzi kien joffri opportunità lil dawk li suppost inqatlu għad-dmija li ċarċru.

Il-Musulmani għaddew minn ħafna sofferenzi, u l-livell ta' preġudizzju kontrihom tant kien għoli li jekk membru ta' tribù kien iħaddan l-Iżlam dan kien jinqatel minnufih jew inkella kien ikollu jqatta' ħajtu kollha mbeżża' li se jinqatel. Il-Musulmani kellhom jissieltu biex jirbħu s-sliem.

Iżda anki taħt dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli, huma qatt ma kienu jisiltu x-xabla ħlief meta jinqalgħu ż-żewġ kundizzjonijiet ta' gwerra. **Il-gwerra dejjem kienet sfurzata fuqhom u huma qatt ma ġġieldu bl-intenzjoni li jxerrdu l-fidi. Huma ġġieldu biss għas-sigurtà u l-protezzjoni tagħhom infushom,** iżda aktar tard *Malawis* (Kleriċi Iżlamiċi) injoranti riedu jagħtu tifsira differenti għal dan u bdew jieħdu pjaċir b'affarijiet barbari u moqżieża.

Iżda jkun inġust li tintefa' l-ħtija fuq it-tagħlim tal-Iżlam. Il-ħtija għandha tintefa' kompletament fuq dawk li m'għandhom l-ebda stima lejn il-ħajja umana, u li huma tant għatxana għad-demm li jistennew bil-ħerqa għal Maħdi li, huma jemmnu, iwassal għat-tixrid tad-demm. Huma jixtiequ jikkonvinċu lin-nies li l-Iżlam dejjem iddependa fuq il-forza u l-manipulazzjoni għall-propaganda tiegħu u li m'għandu l-ebda verità fit-tagħlim tiegħu."

(Għażla mill-Kitbiet ta' Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u Maħdi[as],
*Ruħani Kħażain*, Vol.18, p.631-633)

## L-GĦIRA

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Oqogħdu attenti mill-għira, għax din tiekol l-għemejjel tajba, bħalma n-nar iġib fix-xejn l-injam u l-ħaxix."** (Abu Dawud)

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**